# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru, 2001

## Avviz numru : 67/2001GT(GM)

**Dominic Department Stores (DDS) Ltd**

**vs**

**George Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' LM132 rapprezentanti in kwantu LM106.87 prezz ta' bejgh ta' merci u in kwantu ghal LM25.58 imghax; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 t'April 1999 u tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Lulju 2000;**

**Ra l-ewwel eccezzjoni fir-risposta fis-sens illi l-azzjoni attrici tinstab preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili**

**Sema' l-provi limitatament ghal din l-eccezzjoni**

**Ikkunsidra**

**Illi skond l-avviz tat-talba, il-bejgh in kwistjoni sehh f'Dicembru 1998, u waqt is-smiegh tal-kawza gie pprecizat li l-bejgh sehh fil-15 ta' Dicembru 1998. Is-socjeta' attrici f'dak iz-zmien bieghet *jackhammer* lill-konvenut li ghal xi raguni ma hadimx sewwa; il-konvenut irritornah u s-socjeta' attrici silfet wiehed uzat sabiex il-konvenut jinqeda' bih sakemm iggiblu iehor gdid. Skond id-deposizzjoni tal-konvenut, huwa hallas madwar LM108 tal-gdid, u sussegwentement ftiehmu li kulhadd jibqa' bli ha, billi s-socjeta' attrici zzomm il-LM108 (li skond hu kienet tirraprezenta parti mill-prezz tal-mutur il-gdid) u hu jzomm il-mutur uzat. Skond ix-xhieda ta' Dominic Sultana, direttur tas-socjeta' attrici, ma kien hemm ebda ftehim li kulhadd jibqa' bli ha, imma din kienet biss proposta tal-konvenut mhux accettata mis-socjeta' attrici. Fi kliem l-istess Dominic Sultana, dan kollu sehh sa mhux iktar tard mill-ahhar ta' Jannar 1999, u wara din id-data, il-konvenut ma kellmux iktar. Is-socjeta' attrici bghatet diversi invoices u Dominic Sultana tkellem ma' xi hadd qarib tal-konvenut, izda qatt mal-konvenut innifsu.**

**Illi s-socjeta' attrici ma kkuntestatx l-applikabilita' tal-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, li jippreskrivi perjodu ta' tmintax-il xahar. Dan il-perjodu jiddikorri mid-data tal-bejgh u ghalhekk skada fit-18 ta' Gunju 2000. L-anqas ma ppruvat li sar xi att interruttiv tal-istess preskrizzjoni. L-ittra ufficcjali imsemmija fl-avviz tat-talba – u mhux esibita – iggib id-data ta' meta giet ipprezentata , cioe' fit-18 ta' Lulju 2000, ezattament xahar wara li skada l-perjodu tal-preskrizzjoni. Skond Artiklu 2130(1) tal-Kodici Civili, ma jkunx hemm preskrizzjoni kemm-il darba l-att gudizzjarju ma jigix notifikat qabel l-iskadenza ta' xahar dekorribbli mill-ahhar jum tal-perjodu preskrittiv. Ghalhekk, hija d-data tan-notifika li hija rilevanti biex tinterrompli l-preskrizzjoni[1], ta' liema notifika (fl-eventwalita' improbabbli li l-konvenut gie notifikat dakinhar stess tal-prezentata) is-socjeta' ma giebet ebda prova.**

**Illi skond il-ligi taghna ma hemm l-ebda inkompatibilita' bejn li l-konvenut jafferma tal-inesistenza tad-debitu – fil-kaz prezenti, ghax, skond hu, id-debitu gie saldat permezz tal-ftehim - u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif jirrizulta mill-formola tal-gurament skond l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili li hija – apposta - differenti minn dik ta' kodicijiet barranin[2]. Per ezempju, jekk wiehed jiehu d-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan, il-gurament li jigi deferit lid-debitur li jopponi dawn il-prezunzjonijiet brevi, huwa ntiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici taghna il-formola tal-gurament li jigi deferit lill-prezunt debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant il-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni tal-obbligazzjoni; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwistjoni l-estinzjoni taghha. Waqt li ghall-kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitu, skond il-kodici taghna dawna l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anke mal-kontestazzjoni tad-debitu[3]. Hekk ghamel f'din il-kawza l-konvenut.**

**Illi skond artikolu 2160, il-preskrizzjoni in kwistjoni ma jkolhiex effett jekk id-debitur, moghti l-gurament, ma jiddikjarax li mhux debitur. Ir-ragunijiet l-ghala bniedem jista' jsostni li mhux debitur jistghu ikunu diversi, bhal li qatt ma kellu jaghti, jew li hallas. Johrog bic-car mix-xhieda tal-konvenut li huwa – tajjeb jew hazin - qieghed bl-iktar mod kategoriku jinnega d-debitu, u dan huwa bizzejjed skond il-ligi taghna biex isostni l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, anke jekk ma jippruvax din l-allegazzjoni,[4] ghax it-Tribunal huwa prekluz milli jindaga oltre, u dan ghar-raguni li kontra dan il-gurament, bhala decizorju, ta' min jecepixxi l-**

---

[1] Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) 11 ta' Dicembru 1978, *Alex Caruana vs Joseph Vassallo (mhix ippubblikata)*
[2] Qorti tal-appell, 23 ta' Mejju 1932, *Borg vs Saliba – Kollez. XXVIII.297;* Qorti tal-Appell, 1 ta' Gu nju 1931, *Zahra vs Zerafa* u s-sentenzi hemm iccitati; Qorti tal-Appell *Giorgio Mifsud vs Salvatore Sultana et* 16 ta' Settembru 1944 – Kollezz.XXXII.i.690
[3] Qorti tal-Appell, 10 t'April 1926 *Fenech vs Bugeja* XXVI.iii.3000, Qorti tal-Appell, 27 ta' Mejju 1885 *L Pace Bonello, P.L., vs Elvira Bugeja Caruana – Kollez X.755*; Prim'Awla, 11 ta' Dicembru 1947, *Dr Filippo Buttigieg vs Domenico Azzopardi, Kollezz XXXIII.ii.164* – 11 ta' Dicembru 1947
[4] *Mifsud v Sultana,* supra

**preskrizzjoni, ma hi ammissibbli l-ebda prova (proprju ghalhekk jissejjah *giuramento decisorio*)[5].**

**Billi l-konvenut halef sostanzjalment skond il-formula indikata fl-imsemmi artikolu;**

**It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, u jichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

[5] 11 t'Ottubru 1940 *Francesco Caruana vs Francesco Sant'Cassia et noe* – Qorti tal-Appell, XXX.i.542; Qorti tal-Appell 1 ta' Frar 1927 *Jacono vs Serra, Kollezz XXVI.i.659*